# **Tribunal Industrijali**

# **Decizjoni Nru. 1876**

Kaz Nru. 1304AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Vicky Soler
u
Imperial Hotel

*Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.*

Illum it-Tnejn 13 ta' Ottubru 2008

**Chairman : is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali minn l-Onor. Ministru ghall-Politika Socjali fil-21 ta' Jannar 1999 Referenza : MSP/TI/6/99 biex jigi pprocessat skond l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266).

Is-Sinjura Vicky Soler kienet assistita mis-Sur Lino Vassallo, Segretarju Haddiema Maghqudin aktar 'l quddiem tissejjah l-appellanti u ghall-Imperial Hotel li aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta deher l-Avukat Victor E. Ragonesi.

It-Tribunal zamm wiehed u tletin (31) seduta.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellanti tghid illi kienet giet impjegata mal-Lukanda Imperial fl-1 ta' Marzu 1997 bhala *Housekeeper.* L-impieg taghha kien taht kuntratt indefinit. Tghid illi matul il-perjodu li damet tokkupa l-kariga ta' *Housekeeper* qatt ma giet imwissija

la bil-miktub u wisq anqas verbalment dwar xi nuqqas li setghet kienet ghamlet. Illi fil-fatt kien ikun hemm diskussjonijiet dwar l-operat u l-funzjonijiet tax-xoghol taghha, izda mhux bhala nuqqasijiet mid-doveri taghha kemm lejn il-Kumpanija kif ukoll lejn il-haddiema li kienet tamministra fid-departiment taghha.

Illi l-ittra ta' terminazzjoni tal-Managing Director kienet sorpriza ghall-appellanti ghaliex kienet qed taqdi d-doveri taghha bl-ahjar mod possibbli izda kienet kontinwament qed tinqabad f'cirkostanzi fejn biex tobdi ordnijiet tas-Sur Alfred Lupi li kien kunsulent tal-Kumpanija kienet qed ikollha problema mal-Managing Director li kien irid affarijiet differenti u vice versa.

Illi l-appellanti kellha l-impieg taghha tterminat fil-5 ta' Ottubru 1998 permezz ta' Ittra mill-Managing Director datata 22 ta' Ottubru 1998. Titlob illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha saret minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u bi ksur tad-dispozzizzjoniet relevanti fl-Att li jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg.

Is-socjeta appellata tghid illi l-appellanti bhala *Housekeeper* tal-Imperial Hotel naqset ripetutament mid-doveri taghha, ma segwitx l-istruzzjonijiet lilha moghtija, gabet ruha hazin ma' l-istaff, tant li diversi minnhom telqu mix-xoghol minhabba fiha, kienet tiddiporta hazin mal-Management u nuqqasijiet ohra gravi kif inter alia, elenkat.

Illi bhala Head of Department kienet titlaq mix-xoghol fl-4 p.m. waqt li l-istaff tahtha jitilqu fl-4.30 p.m. u thalli f'idejhom il-master key tal-kmamar, waqt illi dan kien dmir taghha li tigborha u titlaq l-ahhar u thallijha mar-Reception.
Illi darba din il-Master Key intilfet, kienu ser jimbidlu is-serraturi tal-kmamar kollha minhabba security u wara granet, f'daqqa, il-master key instabet.
Illi ripetutament mill-Management u mill-Managing Director, inghatat istruzzjoni biex tikkontrolla li t-twieqi tal-kmamar tal-pjan terren meta ma jkunux okkupati

mit-turisti, biex binhar jinzammu miftuha minhabba l-umdita.  Din l-istruzzjoni ripetutament ma gietx segwita.

Illi tuza ghajjat u kliem m'hux permissibili meta tkellem l-istaff.

Illi hafna drabi l-Managing Director qallha li m'ghandiex tahdem fis-sezzjoni tar-Reception, izda fil-kamra riservata ghaliha.  Ripetutament injorat din l-istruzzjoni.

Illi hafna drabi dak li jintqalilha li ghandha taghmel u x-ghandu jsir mill-Managing Director u mis-Sur Lupi, konsulent tal-Managing Director, tghid li ma intqalilhiex u wara tghid li ma tiftakarx.

Illi kienet responsabbili wkoll ghal fjuri.  Hafna drabi kienu jkunu qodma, jew neqsin u meta ma tkunx "on duty" ma thalli ebda istruzzjoni lil min jahdem minn f'lokha biex jahseb fil-fjuri.

Illi fil-Laundry section kienet tuza diskriminazzjoni ma' Anna Agius, Maruska Mifsud u taghmel preferenzi.

Illi l-Managing Director diversi drabi qalilha biex ma tmiss il-magni tal-laundry ghaliex dawn ghandhom jintuzaw minn min jifhem u skond ir-regoli.  Kienet tmiss il-magni, thalli lill-impjegata partikolari biex ma ssegwix ir-regoli, b'konsegwenza li inharaq il-mutur ta' magna u x-xoghol ma kienx isir sewwa.

Illi bhala konsegwenza l-hwejjeg kienu jkunu grizi u meta l-appellanti tkecciet kellhom ripetutament jinhaslu sakemm regghu saru bojod.

Illi kellha taghti, ghax mitluba, ir-roster tal-Laundry lil Managing Director. Taghtu kopja li rrizultat modifikata u falza.  Meta intalbet l-original, qalet li qattatha.  Din okkazjoni gravi ghax dokument rigwardanti xoghol u doveri ta' staff huwa propjeta tal-lukanda.

Inghatat istruzzjoni mill-Managing Director biex Monica Cassar timla l-production sheets.  L-istruzzjoni giet injorata diversi drabi.

Meta gie t-technician, Alex Montanaro, li jiehu hsieb il-magni tal-Laundry biex jghidilha li m'ghandiex tippermetti *"top speed"* ghaliex issir hsara, ma riditx tinzel mil-post tax-xoghol biex ikellimha.

Illi diversi drabi kienet tghid lil Managing Director u lis-Sur Lupi meta jfakkruha li kienu kellmuha li ma kienitx semghathom.

Lil Manuel Calleja qaltlu li gideb meta qal li l-Managing Director qalilha biex id-dokumenti ma tmisshomx.

Illi ammettiet mal-Managing Director li qatt ma qaltlu li xi staff ma kienx ghamel id-doveri tieghu jew taghha.

Illi lil Anna Agius qaltilha li bin-nomina taghha (Agius) ma tghidx lil Managing Director izda lil Manager.

Illi lill-impjegata Monica Cassar tghatha tliet (3) "off" wara xulxin, kuntrarjament ghar-regola.

Illi Paul Cassar telaq ukoll imhabba fiha.

Illi saru diversi "complaints" mir-residenti riferibili ghad-doveri taghha ta' nuqqas u traskuragini fil-kmarar.

Illi il-Managing Director taha diversi "warnings".

Illi hemm rosters tac-chambermaids nieqsa u diversi drabi l-Managing Director kien jghidilha biex ma tghajjatx fil-"Public areas".

**Provi**

Xhud Dr.Victor E. Ragonesi qal illi Mrs. Vicky Soler kienet impjegata f'Imperial Hotel bhala *Housekeeper.* Fit-tul ta' l-impieg taghha diversi drabi kienet ma tobdix struzzjonijiet illi jinghatawla ghad-doveri li suppost taghmel hi. Kienet tkun hafna drabi arroganti ma' l-istaff, mal-klienti anki ma rapprezentanti ta' agenzji u anke mieghu personalment. Qal illi darba kienet kitbet fejn skuzat ruhha li ma tkunx taf li qed tghajjat jew tkun arroganti. Qal ukoll illi Vicky Soler kienet titlaq fl-erbgha u tghaddi taghti c-cavetta lill-haddiehor li ma kienx ikun responsabbli bhala u dana qalilha diversi drabi u kienet tghid li ghandha bzonn titlaq qabel ghax ghandha x-xoghol id-dar tant illi dan qalitu anki lilu stess. Punt iehor dwar li ma kienetx tobdi l-ordnijiet illi kienu dwar li t-twieqi tal-lukanda tal-kmamar li ma jkunux mikrijin ghandhom jinfethu matul il-gurnata minhabba rieha qawwija tal-umdita peress illi l-lukanda hi antika u dak iz-zmien li nbniet ma kienx hawn il-qatran. Vicky Soler ma kienetx tosserva din l-ordni u ghalhekk kienet tkun ta' dannu ghall-lukanda.

Kellha dover iehor illi tara li f-fjuri dejjem ikunu ta' kwalita tajba. Vicky Soler kienet thalli l-fjuri jitbielu u ma kienetx tibdilhom kif kienet ordnata. Fil-laundry kien hemm hames magni u magna ohra biex jixxutaw. Minhabba li kienet igghal lill-impjegati jaghmlu kollox ta' malajr halli jehilsu u tehles hi u titlaq, il-hwejjeg ma kienux jinhaslu tajjeb u dan qal ix-xhud illi rah huwa stess.

Punt iehor huwa dwar ir-roster tal-laundry li kienet tghatieh lilu. Irrizulta illi r-roster ma kienx jirrispekja minn kien qed jahdem illi minhabba f'hekk kienet tkun falza minhabba illi minn kellu jitlaq fis-sitta telaq fl-erbgha u fid-dokument kien hemm li telaq fis-sitta.

Ix-xhud qal illi kien hemm min telaq mix-xoghol minhabba fiha. Kien taha diversi warnings. Spiega li kellu diversi problemi dwar ir-rosters tac-chambermaids u minhabba dan ma kienux jafu minn suppost jidhol u meta. Qal illi l-appellanti kienet responsabbli hi mir-rosters ghax kienet taghmilhom hi u z-zommhom hi.
Dr.Victor Ragonesi qal illi l-policy tal-lukanda hi li ghandha diversi dipartimenti, il-kap tad-dipartiment irid ikun l-ahhar wiehed li johrog, dan pero ma japplikax ghal meta jkun hemm xi overtime. L-appellanti fil-maggor parti kienet titlaq fl-erbgha (4.00pm) id-dipartment taghha kienu jitilqu fl-erbgha u nofs (4.30pm).

Xhud Herbert Vella, Assistant Manager, mistoqsi mil-legali tas-socjeta appellata kif inhuma l-hinijiet tal-"housekeeper" x'hin kienet tidhol u tohrog, qal illi r-regola hi tidhol mal-"maids" u tohrog mal-"maids" biex tkun certa li kollox huwa kif suppost.

Fuq mistoqsija tad-difensur ta' l-appellanti dwar jekk il-"housekeeper" hiex meqjusa fl-Imperial Hotel bhala "part of the management team" qal illi l-appellanti kienet "housekeeper" u responsabbli tad-dipartment li huwa "house keeping".

Xhud Carmela Mifsud, Housekeeper, qalet li tidhol fis-sebgha u tohrog fl-erba u nofs. Fil-ghodu tara r-rapporti tal-gurnata u trid tahdem skond in-necessita li jkun hemm.

Xhud Rita Azzzopardi, Accounts Clerk, ilha hames snin tahdem fil-lukanda. Mistoqsija mill-legali tas-socjeta appellata jekk tiftakarx xi okkazjoni meta l-appellanti kienet tkun fil-kamra wara r-“reception” fil-“front office” qalet li tiftakar.

Xhud Monica Cassar, eks-impjegata, kienet tahdem fil-laundry dak iz-zmien li kienet impjegata bhala housekeeper Mrs Soler. Mistoqsija mill-legali tas-socjeta appellata kienx ikollha xi nkwiet fil-magni, qalet illi kienet tghid li Mrs. Soler u hija kienu jghidu lil minn hu nkarigat u jifhem fihom. Meta giet il-magna l-kbira kienet Mrs Soler li ghalmitha kif ghandha thaddimha. Mistoqsija dwar meta hadmithom il-magni Mrs Soler kien kagun li ghamlet xi hsara u allura kellhom jigu biex isewuhom tort ta’ Mrs Soler, qalet li ma tahsibx li tort ta’ Mrs Soler, ghax ghajjew filli qeghdin iduru u filli wahda minnhom tieqaf.

Xhud Julian Saliba, Head Chef Imperial Hotel, ilu jahdem fil-lukanda seba u ghoxrin sena, qal illi kellu argument ma’ l-appellanti fuq xi “*table cloths”* ghax ma kienux lesti u bdiet tajjat. Mistoqsi mid-difensur ta’ l-appellanti jekk qattx kellu argumenti ma’ l-istaff, qal li argumenti hekk jigru kuljum fuq il-post tax-xoghol. Dwar l-argument li kellu ma’ l-appellanti qal, *“mhux gravi ma tajniex bis-skikken hu”.*

Xhud Anthony Borg, Maintenance, ilu jahden mal-Imperial Hotel dsatax il-sena u nofs, fuq mistoqsija mill-legali tas-socjeta appellata jekk qatt sema’ li Mrs Soler tbati minn widnejha fis-smieh, qal li qatt ma sema’.

Xhud Alex Montanaro, Machine Techinician, qal li ilu mis-sena 1997 imur isewwi fil-lukanda dak li jkun hemm bzonn. Gieli kien isewwi l-hsara li kien ikun hemm fil-laundry u dejjem kien jghidilhom biex ma jghatux *“load”* aktar milli hemm

bzonn. Qal illi ma jistax jghid ghax tigri l-hsara ghax il-magni ghandhom iz-zmien u ma tkunx taf jekk hux minhabba z-zmien jew le. Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellanti lil min kien jghati l-istruzzjonijiet dwar il-magni, qal illi huwa jghid lil minn ihaddem il-magni , lill-operatur tal-magna. Meta kien ikun hemm Mrs Soler u l-operatur kien jghid lilu u li Mrs Soler mhux dejjem tinzerta hemmhekk.

Xhud Carmelo Xuereb, Supervisor fl-istores, ilu jahdem fil-lukanda wiehed u tletin sena. Mistoqsi jekk qatt kellu xi argument ma' l-appellanti qal li sa fejn jaf hu qatt ma kellu xi argument maghha.

Xhud l-Appellanti, bdiet tahdem mal-lukanda fl-1 ta' Marzu 1997 bhala *"housekeeper'* Qalet illi ghall-ewwel sitt xhur jew kwazi sena kellha relazzjoni tajba hafna ma' Dr. Ragonesi, kull ma kienet tghidlu kien jaqbel maghha. Ghal Settembru, Ottubru ta' l-istess sena kien gie konsulent Mr. Lupi u kien beda b'hafna argumenti ma' l-istaff kollu. Qalet illi wara Jannar u Frar Dr. Ragonesi beda jaqbad maghha ghax kien fadal kwazi hi biss fil-lukanda bhala management.

Fuq il-kaz illi kienet titlaq qabel il-hin qalet li kienet tidhol fis-seba' ta' filghodu u qalet li ma kienx veru li kienet titlaq mix-xoghol qabel ma jispiccaw it-tfajliet. Dwar il-kaz tat-ftuh tat-twieqi minhabba r-rieha tal-umdita sostniet illi wahda li kienet inkarigata bl-isem ta' Lisy dejjem fethithom it-twieqi. Qalet illi kienet darba biss li kienet ghalqithom kmieni ghax kien temp ikrah tax-xita.

Fuq l-akkuza li saritilha li kienet tghajjat u kliem li mhux permissibbli meta tkellhem lill-istaff, qalet li tghajjat hi vuci naturali, ghandha vuci gholja pero ghandha ftit problema tas-smieh. Cahdet li qatt ghajtet ma xi hadd kemm damet fl-impieg.

Fuq l-akkuza li kienet tkun fir-reception meta ma kienx lokha ghax kellha l-kamra fejn tghoqod sostniet illi Dr Ragonesi qatt ma qallha xejn fuq dan anzi saqsietu u

qallha li tista' tghoqod hemm, qatt ma qallha li qed taghmel hazin, tant illi meta kien qallha l-ewwel darba biex titlaq minn hemm kienet marret f'kamra ohra mill-ewwel.

Kaz iehor li resqet is-socjeta appellata huwa dwar il-master key. L-appellanti qalet illi l-master key li kienet intilfet kienet ta' wahda mill-maids taghha li kien jisima' Shirley. Kienu marru jfittxuwha hija u zewg chambermaids ohra u baqghu ma sabuwiex. Irrizulta illi tiftakar li ftit granet wara instabet fir-reception, kien li meta dahlet ghax-xoghol filghodu kienu qalulha tar-reception.

Kaz iehor kien dwar li kienet taghmel diskriminazzjoni mal-haddiema. L-appellanti qalet illi qatt ma ghamlet diskriminazzjoni hlief ghal wahda Anna Agius li kienet mara li kellha bzonn tahdem sew, kellha erbat tfal u kellha bzonn il-flus, kienet tahdem fil-laundry. Sostniet illi kull ma kienet taghmel kienet tghid lill-shaba biex tirrangalha mal-part-timers l-ohra biex hadd ma jkun jista' igerger u qatt ma tghat xi hin zejjed minn haddiehor.

Dwar ir-rosters l-appellanti qalet illi hi kienet taghmel ir-rosters dejjem skond il-htigijiet tax-xoghol u kopja tar-rosters dejjem kienet taghmel wahda fil-laundry fuq il-washing machines, ghand ic-chambermaids, kopja fl-ufficcju taghha, kopja fl-ufficcju tal-manager li kienet titwahhal fil-kamra li tigi wara r-reception. Ir-rosters kien ikunu approvati mill-konsulent is-Sur Lupi u qabel ma kien hemm is-Sur Lupi kien jarhom il-manager. Ghar rigward l-akkuza li kienet timmodifika l-appellanti qalet illi bil-fors ikollok timmodifika u spiegat fejn jekk wahda tidhol nofs siegha tard trid tbiddel il-hin taghha ghax inkella tithallas tal-hin li tkun ghada ma dahlitx u l-istess ghal dawk li jitilqu qabel il-hin.

Fuq mistoqsija fil-kontro-ezami mid-difensur taghha dwar dak li qalet illi kien hemm konflit bejn Dr Ragonesi u Mr Lupi fix-xoghol qalet illi dejjem ma kellhomx l-istess idejat ghax lilha wiehed kien jghidilha haga u l-iehor jghidilha ohra u tghat ezempju dwar l-uniformijiet li kellhom illi kienu kollha mqattejn billi kienet qalet lil

Dr Ragonesi u qallha biex iggib il-quotations u tirreferi lis-Sur Lupi. Gara illi l-uniformijiet qatt ma nxtraw.

Mistoqsija mid-difensur taghha dwar il-Job Description, l-appellanti qalet illi meta dahlet tahdem fil-lukanda ma kellha xejn bil-miktub. Hadd ma qallha xejn li ma kienetx qed taghmel ix-xoghol tajjeb tant illi maz-zmien bdew izidulha r-responsabbilita. F'xi xhur qabel l-Lulju kienu tawha il-Job Description u tkecciet f'Ottubru. Meta tawha l-Job Description fil-21 ta' Lulju 1998 meta kienet bdiet tahdem fl-1 Marzu 1997 kellha li trid taghmel 'Planning' biex izzomm ir-rapporti u li trid tipprepara forecast. Sostniet illi dawn hadd ma qallha u ma kienetx taf biehom.

Dwar il-kaz tas-Sur Lupi l-appellanti qalet illi meta bdiet tahdem mal-lukanda kienet tirraporta dawk l-affarijiet li ma kienux joghgbuha lil Dr.Ragonesi; wara meta gie is-Sur Lupi kienet tikteb lil Dr. Ragonesi u lis-Sur Lupi. Kien jigri illi s-Sur Lupi kien jghidilha ara x'tista' taghmel biex tirranga u kien jirrizulta li ma kien isir xejn.

Xhud Anna Agius eks-impjegata mal-lukanda fil-laundry qalet illi is-Sur Montanaro kien jghidilhom kif kellhom jittrattaw il-magni biex ma jkunx hemm hsara fihom. Qalet illi kienu jhaffuh ix-xoghol u meta jhaffuh, sinjal li l-magni kienu qed ibaghtu. Fuq mistoqsija dwar meta spiccat mix-xoghol fil-lukanda qalet illi issa ilha erba snin nieqsa. Pero ix-xoghol kien jghaggel hafna.

Xhud Alfred Lupi. Invista illi s-Sur Lupi jinsab indispost, it-Tribunal awtorizza li tinzamm seduta fid-dar tieghu fejn gie nominat l-Avukat Tonio Azzopardi biex imexxi s-seduta.

Ix-xhud qal illi hu kien ilu misluf fil-lukanda Imperial ghal zmien twil u kien imexxija il-lukanda bhala Manager. Meta il-lukanda ghaddiet ghand Goldvest Company Limited kien gie ingaggat bhala Konsulent.

Dwar dak li qalet Mrs Soler qal illi l-ordnijiet kienet tohodhom minghand il-Manager, izda huwa bhala Konsulent meta kien josserva xi haga li tirrikjedi attenzjoni jew azzjoni kien jghidilha izda fis-sens li jigbdilha l-attenzjoni taghha, mhux fis-sens li jaghtijha ordni.

Fuq il-kaz li qalet Mrs. Soler fix-xhieda taghha dwar l-uniformijiet ix-xhud qal x'ghandu jsir bl-uniformijiet. Huwa d-Direttur u l-Manager li kellhom x'jaqsmu u mhux huwa bhala Konsulent. Mistoqsi mid-difensur tal-appellanti dwar meta kien jindirizza lill-Mrs. Soler qal illi huwa gieli indirizzha, izda dejjem fil-forma ta' parir ghax l-instructions effettivi kienu tal-Manager u/jew tad-Direttur.

**Sottomissjonijiet finali**

Is-socjeta appellata ghamlet il-punti taghha dwar il-kaz kif se jinghad. Illi mill-provi konsistenti fix-xhieda u dokumenti f'dan il-kaz huma tant voluminusi li, a skans ta' hin inutli lit-Tribunal, m'hix ser issir referenza dettaljata ghalihom u resqet kummenti zghar u qosra fuqhom. Ipprezentat sittax il-punt illi kull punt jirreferi ghal xhieda li saret waqt il-kaz.

L-appellanti ghamlet l-osservazzjonijiet mifruxa fuq tlieta u ghoxrin punt li kollha jirreferu ghax xhieda.

Illi hareg car mix-xhieda li kienet ipprezentata li ghal maggoranza l-kbira taz-zmien li damet fl'impieg l-appellanti ma kien hemm l-ebda dizgwid u nuqqas ta' qbil dwar l-operat taghha fil-lukanda. Dak kollu li gara, gara fl-ahhar granet meta l-appellanti kienet qeda tinqabad bejn decizjonijiet mehuda mill-management tal-kumpanija inkluz is-Sur Lupi u fin-nuqqas ta' qbil ta' Dr. Ragonesi ma' dawn id-decizjonijiet.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellanti bdiet tahdem mas-socjeta appellata bhala *"Housekeeper"* fl-1 ta' Marzu 1997 b'kuntratt indefinit. Fil-5 ta' Ottubru 1998 kellha l-impieg taghha tterminat permezz ta' ittra mill-Managing Director datata 22 ta' Ottubru 1998.

L-appellanti issostni illi genwinament thoss li t-tkeccija taghha kienet wahda ngusta. Matul iz-zmien tghid illi qatt ma giet imwissija la bil-miktub u l-anqas verbalment. Tghid illi mad-dokumenti pprezentati hlief ghal xi okkazzjoni wahda, dawn kienu korrispondenza nterna tal-lukanda u mhux twissijiet tant illi x-xhieda ta' Dr Ragonesi dwar twissijiet verbali ma kienet qatt ikkonfermata minn xhieda ohra. L-appellanti tghid illi huwa minnu li kienet tiddeciedi x'impjegati jahdmu u liema jiehdu l-leave. Minhabba nuqqas ta' staff kien ikollha ssolvi l-problemi hija stess.

L-appellanti ghamlet xi osservazzjonijiet dwar x'intqal mix-xhieda. Migbur fil-qosor. Rita Azzopardi ma qalet xejn li turi li l-appellanti ma kienetx taghmel ix-xoghol taghha sew. Carmela Mifsud qatt ma taghatha *'handover'.* Herbert Vella jghid illi uzat ufficcju li ma kienx taghha ghaliex taghha kien qed jigi *"refurbished".* Alex Montanaro jeskludi b'mod car illi l-appellanti kellha b'xi mod x'taqsam direttament. Julian Saliba jghid illi ghal darba wahda ma kellux *'srivet"* bizzejjed biex ikun jista' jahdem. Dwar li tghajjat mieghu, kienet tghajjat ghax lehinha gholi.

Issostni illi dwar li ma kienetx tobdi l-istruzzjonijiet li kienu jinghataw ma rrizulta xejn mix-xhieda mressqa mis-socjeta appellata. Fir-rigward tax-xhieda ta' Alfred Lupi tghid illi kull ma gara kien fl-ahhar ftit granet meta kienet qed tinqabad bejn decizjonijiet mehuda mill-management tal-kumpanija inkluz is-Sur Lupi fin-nuqqas ta' qbil ta' Dr. Ragonesi mad-decizjonijiet.

Is-socjeta appellata ssostni illi l-appellanti bhala *Housekeeper* naqset ripetutament mid-doveri taghha, ma segwietx l-istruzzjonijiet liha moghtija, gabet ruha hazin ma' li staff tant illi diversi minnhom telqu mix-xoghol minhabba fiha u kienet tiddeporta hazin mal-Management.

Gew imresqa diversi punti ta' nuqqasijiet li sehhew matul iz-zmien tal-impieg taghha illi fil-qosor huma:  Bhala Head of Department kienet titlaq mix-xoghol fl-04.00 pm waqt li l-istaff taghha jitlaq fl-04.30 pm u thalli f'idejhom il-master-key tal-kmamar, waqt li dan kien dmir taghha li titlaq l-ahhar u thalli l-master-key mar-reception.  Illi darba din il-master-key intilfet u wara granet instabet.  Dan il-kaz kien sejjer iwassal lil management tal-lukanda illi jibdel is-seraturi kollha.

Illi repetutament sew mill-Management u mill-Managing Director inghatat struzzjonijiet biex tikkontrolla t-twieqi tal-kmamar ta' pjan terren meta ma jkunux okkupati mit-turisti, biex bi nhar jinzammu miftuha minhabba l-umdita.

Illi l-Managing Director qallha li m'ghandiex tahdem fis-sezzjoni tar-Reception.
Illi kienet responsabbli wkoll ghal-fjuri li hafna drabi kienu jkunu qodma.

Illi fil-laundry kienet tuza diskriminazzjoni ma' Anna Agius, Maruska Mifsud u taghmel preferenzi.

Illi l-Managing Director diversi drabi qalilha biex ma tmiss il-magni tal-laundry, u illi taha diversi *"warnings".*

Mid-dokumenti prezentati u mill-provi mresqa jirrizulta illi s-socjeta appellata harget diversi ittri u wkoll memos matul l-impieg taghha kollha jindikaw nuqqasijiet.  Ghalkemm dawna ma kienux dikjarati bhala warnings pero kienu jindikaw b'mod car nuqqas fid-direzzjoni taghha ta' *"Housekeeper".*

It-Tribunal wara li kkonsidra u evalwa dak kollu pprezentat kif ukoll ix-xhieda prodotta jara illi l-appellanti kellha kariga ta' "*Housekeeper*" liema kariga tpoggija fil-grad/livell ta' Management. Kull stat ta' nuqqas f'dan il-grad anke jekk huwa relattivament ta' natura zghajra jirrifletti f'mismanagement.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esibiti, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi tkeccija tal-appellanti mill-impieg taghha mis-socjeta appellata kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Ewro 93 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

__________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**